**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 8 ta' Jannar 2020**

**Rikors nru: 519/2019 AGV;**
**AB (ID nru: 165573M) u CD (THAILAND Passport Number: AA 6076317)**
**Vs**
**X**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet tat-13 ta' Novembru 2019, fejn ppermettew u pprezentaw is-segwenti;

1. Illi l-partijiet izzewwgu nhar it- 28 ta' Dicembru 2012, u l-istess zwieg gie registrat r-registru pubbiku ta' Malta (Dok A);
2. Illi minn dan iz-zwieg, il-partijiet ma kellhomx tfal;
3. LIlli l-partijiet isseperaw ex lege permezz ta' kuntratt pubbliku datat 25 ta' Lulju 2019 fl-atti tan-Nutar Dr Sharon Faith Farrugia (esebit u immarkat bhala Dok B);

4. Illi ma jezisti ebda prospett ragenevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom u ilhom de facto seperati minn Marzu 2015 kif jirrizulta mill-klawsola numru ghaxra (10) tal-kuntratt ta' seperazzjoni;
5. Illi l-partijiet ma ghandhom l-ebda pretensjoni kontra xulxin u ma hemm l-ebda manteniment dovut lil xulxin;
6. Illi dal-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. Illi qed jigi hawn annes ma' dar-rikors, l-affdavit tal-partijiet hawn annessi u mmarkati bhala Dok C.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha;

1. tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijet AB u CD ai terminu tal-artikolu 66 A et seq tal-Kodici Civili;

2. U tordna lir-registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti esebiti.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.
Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**